**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Nru: 985/2021GG**

**Mary Grace Calleja** (K.I **95961M) u Joseph Mizzi (K.I 218364M)**

**vs**

**Av Dr Martin Matthew Farrugia u PL Nicholette Aquilina Di Noto nominati permezz ta' Digriet datat 24 ta' Gunju, 2022 bhala Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw persuni mhux maghrufa li fi zmien kellhom xi drittijiet fuq il-proprjeta' bin-numru uffijcali sitta u tmenin (86) li jinsab fi Sqaq bin-numru tlieta (3), fi Triq il-Grazzja, Haz-Zabbar**

Illum 11 ta' Lulju 2024.

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors Guramentat**[1] **tal-atturi** pprezentat quddiem din il-Qorti, diversament presjeduta, fil-5 ta' Ottubru 2021, bis-segwenti premessi u talbiet:

1. Illi r-rikorrenti ilhom matul hajjithom kollha jidhlu u juzaw il-fond bin-numru ufficjali sitta u tmenin (86) li jinsab fi Sqaq bin-numru tlieta (3), fi Triq il-Grazzja, Haz-Zabbar;

[1] Fol. 1 sa 5

2. Illi dan l-istess fond qabel ma kien fil-pussess tar-rikorrenti, kien fil-pussess tal-genituri taghhom Francis Mizzi li miet fit- 30 ta' Settembru 1978 u Salvina Mizzi li mietet fil-31 ta' Jannar 1999;

3. Illi inoltre huma qatt ma gew molestati fil-pussess ta' tali fond u qatt ma gew avvicinati minn xi hadd li vvanta xi drittijiet fuq l-istess fond;

4. Illi la r-rikorrenti u lanqas il-genituri taghhom qatt ma hallsu xi kera lil xi hadd fuq il-fond bin-numru ufficjali sitta u tmenin (86) li jinsab fi Sqaq bin-numru tlieta (3), fi Triq il-Grazzja, Haz-Zabbar u dejjem zammew dan l-istess fond bhala taghhom u dejjem uzawh u gawdewh bhala taghhom;

5. Illi ir-rikorrenti huma l-unici ulied tal-mejtin Francis Mizzi u Salvina Mizzi u minhabba l-fatt li iz-zewg genituri taghhom mietu bla testment, iz-zewg rikorrenti huma l-eredi tal-genituri taghhom u dan skont il-ligi;

6. Illi il-fond bin-numru ufficjali sitta u tmenin (86) fi Sqaq bin-numru tlieta (3) bl-arja libera tieghu, li jinsab fi Triq il-Grazzja, Haz-Zabbar, liberu u frank bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tieghu huwa indikat kemm fid-denunzja li saret wara l-mewt ta' missier ir-rikorrenti datata 30 ta' Jannar 1979 u anke fil-causa mortis li saret wara il-mewt t'omm ir-rikorrenti datata 3 ta' Mejju 1999;

7. Illi ir-rikorrenti qeghdin isibu xi ftit tad-diffikulta sabiex jintraccaw it-titolu/provenjenza ta' dan il-fond;

8. Illi ghalhekk ir-rikorrenti ghandhom interess li jigu dikjarati li huma s-sidien unici u esklussivi tal-fond bin-numru ufficjali sitta u tmenin (86) fi Sqaq bin-numru tlieta (3) bl-arja libera tieghu, li jinsab fi Triq il-Grazzja, Haz-Zabbar, liberu u frank bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tieghu;

**Ghaldaqstant** ghar-ragunijiet premessi u dawk kollha li jirrizultaw fil-kors tas-smiegh tal-kawza, l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara u tiddeciedi li:

1. Ir-rikorrenti Mary Grace Calleja [Karta ta' l-identita' numru: 95961 (M)] u Joseph Mizzi [Karta ta' l-identita' numru: 218364 (M)] jigu dikjarati li huma s-sidien unici u esklussivi tal-fond bin-numru ufficjali sitta u tmenin (86) fi Sqaq bin-numru tlieta (3) bl-arja libera tieghu, li jinsab fi Triq il-Grazzja, Haz-Zabbar, liberu u frank bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tieghu.

Bl-ispejjez, kontra l-intimati li huma min'issa ngunti in subizzjoni.

Rat id-dokumenti[2] annessi mar-Rikors Guramentat.

[2] Fol. 6 sa 19

Rat ir-**Risposta Guramentata tal-kuraturi**[3], ipprezentata quddiem din il-Qorti, diversament presjeduta, fit-28 ta' Novembru 2022, li permezz taghha eccepew:

1. Illi fl-ewwel lok, huma, fil-kwalita' taghhom ta' kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil persuni mhux maghrufa li fi zmien kellhom xi drittijiet fuq il-proprjeta' bin-numru- ufficjali sitta u tmenin (86) li jinstab fi Sqaq fin-numru tlieta (3), fi Triq il-Grazzja, Haz-Zabbar m'humiex prezentement edotti mill-fatti li taw lok ghal dina l-kawza u ghaldaqstant, jirriservaw illi jdahhlu eccezzjonijiet ulterjuri aktar 'il quddiem.

2. Illi fit-tieni lok, u bla pregudizzju ghall-premess, l-atturi ghandhom jindikaw il-bazi legali ghat-talba taghhom stante illi din ma tirrizultax cara mir-rikors mahluf.

3. Illi fit-tielet lok, u wkoll bla preġudizzju ghall-premess, l-esponenti jissottomettu bir-rispett illi mir-rikors mahluf jirrizulta illi r-rikorrenti m'ghandhomx dak it-tip ta' nteress ġuridiku mehtieg ghal azzjoni dikjaratorja bhal din odjerna.

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-affidavits tal-atturi.

Rat is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat li:**

[3] Fol. 79 sa 80

1. Din hija kawza petitorja, ta' natura dikjaratorja, li l-atturi qed iressqu kontra s-sidien precedenti mhux maghrufa tal-fond 86, Sqaq numru 3, Triq il-Grazzja, Zabbar, li huma jghidu li kien jappartjeni lill-genituri taghhom, u li issa sar jappartjeni lilhom b'successjoni universali. Ma jirrizultax mill-atti min kienu s-sidien precedenti, u lanqas ma jidher li kienu identifikati mill-kuraturi mahtura minn din il-Qorti biex jirrapprezentawhom f'dan il-procediment.

2. Il-genituri tal-atturi, Francis Mizzi u Salvina Mizzi, mietu rispettivament fit-30 ta' Settembru 1978[4] u fil-31 ta' Jannar 1999[5]. Fid-dikjarazzjonijiet taz-zewg successjonijiet favur l-atturi, dawn kienu semmew dan il-fond. Din il-Qorti tinnota li, fid-denunzja tas-successjoni ta' missier l-atturi, huma kienu ddikjaraw li missierhom kellu l-proprjeta' shiha tal-fond 86, Triq il-Grazzja, Zabbar[6], filwaqt li meta mietet ommhom, iddikjaraw li din kellha nofs indiviz minn dan il-fond fid-data ta' mewtha[7]. Is-successjoni tal-missier kienet intestata, u skond il-ligi fid-data ta' mewtu, il-gid li halla ghadda kollu ghand uliedu, cioe' z-zewg atturi f'din il-kawza.[8]

3. Fl-affidavit[9] tieghu, l-attur Joseph Mizzi ddikjara li, meta xehed, kellu 59 sena, u li dejjem jiftakar li kien jidhol u jaghmel uzu mill-fond 86, Sqaq numru 3, Triq il-Grazzja, Zabbar. Jghid li dan il-fond kien f'idejn il-genituri tieghu, u minn dejjem jghidu li kien jappartjeni lilhom. Qal li huwa ghandu ohtu wahda, ossia l-attrici, u li l-wirt tal-genituri ghadda ghandhom it-tnejn, f'ishma ugwali bejniethom. Kien ghalhekk li kien dikjarat bhala parti mill-ereditajiet taghhom fid-dikjarazzjonijiet fiskali appoziti. Huwa jghid li qatt ma jaf li l-genituri tieghu, jew hu jew ohtu, hallsu kera lil xi hadd dwar

[4] Fol. 6
[5] Fol. 7
[6] Fol. 9
[7] Fol. 17 (*tergo*)
[8] Fol. 8
[9] Fol. 85 sa 86

dan il-fond. Hadd qatt ma qallhom li dan il-fond mhux taghhom, u hu u ohtu baqghu jzommu pussess esklussiv ta' dan il-fond sal-lum.

4. Fl-affidavit[10] taghha, l-attrici Mary Grace Calleja ddikjarat li, meta xehdet, kellha 62 sena. Hija ghamlet l-istess dikjarazzjonijiet li ghamel huha.

5. Ma sar ebda kontroezami mill-kuraturi lill-atturi.

6. Hadd mill-partijiet ma ressaq aktar provi.

**Ikkunsidrat ukoll li:**

7. Fit-tradizzjoni Rumana, l-azzjoni petitorja ewlenija diretta ghal dikjarazzjoni ta' titolu ta' proprjeta' hija l-azzjoni vindikatorja, bil-partikolaritajiet kollha taghha. Dik l-azzjoni, ghalkemm mhix espressament kontemplata, jew regolata, fil-Kodici Civili Maltija, tifforma parti mill-ordinament taghna, u l-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati mhux biss ammettiet dan, imma tul id-decennji zviluppat ukoll it-tifsir taghha, anke f'direzzjonijiet differenti. Il-finalita' essenzjali ta' dik l-azzjoni hija r-reintegrazzjoni tal-pussess tal-haga favur ir-rivendikant li jezercita l-azzjoni b'success, u dana ghaliex l-azzjoni tista' tkun ezercitata biss fejn l-attur rivendikant ikun jinsab spussessat.

8. Fl-ahhar snin, il-Qrati taghna accettaw bhala parti mill-ordinament Malti azzjoni ohra ta' natura petitorja, dik li fid-dottrina Taljana hija maghrufa bhala *"azione di mero accertamento di proprieta'"*, diretta biex tirrikonoxxi t-titolu ta' proprjeta' favur il-pussessur li ma jkollux mod iehor kif jiddokumenta l-istess titolu.

9. Ricentement, fis-sentenza **Jack Chircop Limited vs Andrews Feeds (Malta) Ltd et[11]**, il-Qorti tal-Appell ikkonfermat li din l-azzjoni hija llum ammessa fis-sistema guridiku taghna, u ghamlet

[10] Fol. 87 sa 88
[11] Citaz. Nru. 571/2004TA, konfermata 23.5.2024

taghha l-apprezzament tal-Ewwel Qorti dwar din l-azzjoni meta rriteniet hekk:

9. Jibda biex jingħad li kemm l-azzjoni ta' aċċertament ta' propjetà u kif ukoll dik ta' rivendika jappartjenu lil ġeneru ta' azzjonijiet fil-petitorju. Però dawn huma żewġ azzjonijiet li għalkemm it-tnejn maħsuba biex jilħqu t-tragward tat-titlu jimportaw fattispecie ġuridiċi differenti biex jirnexxu.

10. Fir-rigward tal-azzjoni dikjaratorja għall-aċċertament tat-titlu tal-maħżen, issir referenza għas-Sentenza tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Mary Grech et v. Paul u Ludgarda konjuġi Azzopardi e**t mogħtija fl-20 ta' April 2006 insenjat dan li ġej:

*«Kif spjegat fid-deċiżjoni a* ***Vol. XLI P I p 171****, fuq l-awtorità tal-Professur Walter D'Avanzo ("****Istituzioni di Diritto Civile****", p. 204), [l-"azione di mero accertamento"] "presuppone che taluno neghi o contesti solamente il diritto del proprietario senza che questi se ne sia spossessato, e di conseguenza tende a far accertare l' appartenenza del diritto al titolare". F'azzjoni bħal din l-inċertezza tikkostitwixxi l-presuppost tal-interess ġuridiku f'min jaġixxi. Tiddifferenzja ruħha mir-reivendikatorja inkwantu fiha ma tintalabx ir-restituzzjoni tal-ħaġa kkontestata. L-azzjoni, imbagħad, tista' tintalab kemm minn dak li għandu l-pussess tal-ħaġa, kemm minn dak li ma huwiex pussessur.»*

Dwar din l-azioni **G. Pescatore u C.Ruperto** għandhom dan xi għidu:

*«Al pari della rivendica, anche per il mero accertamento della proprietà, che l'attore provi la sussistenza della proprietà del bene in questione da parte sua, il che costituisce il presupposto fondamentale dell'azione, la quale pur non, come la rivendica avendo, funzione restitutoria, è tutta via pur sempre diretta alla*

*dichiarazione ed al riconoscimento del diritto di proprietà nell'attore medesimo.»* (**Codice Civile Annotato, Giuffre' Ed., 1978. Pg 733**).

11. Inoltre hemm element ieħor għall-eżerċizzju ta' din l-azzjoni, apparti li l-propjetà tkun fil-pussess ta' min qiegħed jipprova jottjeni id- dikjarazzjoni, irid ikun hemm xi xorta ta' turbazzjoni. Di fatti **Vittorio De Marturio** jgħid hekk: « ....*Configura conseguentemente azione di accertamento e non di rivendica la domanda con la quale il propietario denunci una turbativa nel godimento del bene rimasto in suo possesso...»* (**Codice Civile, Jandi Sapi Editore, Ed. 1979, pg 103** ). Dan it-tagħlim huwa ukoll konformi mat-tagħlim ta' Walter D'Avanzo fis-Sentenza suċitata.

10. Istanzi ohra fejn dawn il-Qrati ammettew din l-azzjoni b'rimedju ghal min jehtieg konferma gudizzjarja tat-titolu ta' proprjeta fuq beni li jkollu fil-pussess tieghu jinkludu **Emanuel Micallef et vs Carmelo Farrugia et**[12], **Emanuel Farrugia et vs Mary Doris Veneziani**[13] u **Peter Borg et vs Av. Christopher Chircop et nomine**[14]; filwaqt li d-distinzjoni bejn din l-azzjoni u l-azzjoni vindikatorja ghamlitha taghha wkoll ricentement il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni ta' Kompetenza Generali), fis-sentenza **Pawlu Buttigieg et vs Doreen Portelli et**[15], li pero' giet appellata.

11. Fid-dawl ta' dan l-izvilupp gurisprudenzjali, u l-kjarezza tal-premessi u t-talbiet fl-att promotur, din il-Qorti tqis li t-tieni eccezzjoni tal-kuraturi ma kinetx misthoqqha, u ser ghaddi biex tichadha.

**Ikkunsidrat ukoll li:**

[12] Citaz. Nru. 32/06JZM, Qorti tal-Appell, 15.12.2015
[13] Citaz. Nru. 325/04JZM, Qorti tal-Appell, 30.9.2016
[14] Rik. Gur. Nru. 300/19FDP, Prim'Awla tal-Qorti Civili, 30.1.2020, mhux appellata
[15] Citaz. Nru. 16/04SG, Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), 29.5.2024, appellata

12. Imiss ghalhekk li din il-Qorti tqis jekk l-atturi rnexxielhomx jippruvaw, sal-grad mehtieg f'dan il-procediment civili, il-pretensjonijiet taghhom. L-atturi iqisu li l-fond 86, fi Sqaq numru 3, Triq il-Grazzja, Zabbar, jappartjeni lilhom, wara li wirtuh minghand il-genituri taghhom, li akkwistawh bil-preskrizzjoni akkwizittiva trentennali, u ghalhekk kellhom titolu originali dwaru.

13. Qabel ma tghaddi biex taghmel il-kunsiderazzjonijiet taghha, ta' fatt u ligi, dwar dan il-mertu, din il-Qorti ser tqis it-tielet eccezzjoni tal-kuraturi konvenuti. B'din l-eccezzjoni taghhom, il-kuraturi eccepew in-nuqqas ta' interess guridiku tal-atturi fit-talbiet proposti minnhom.

14. Din il-Qorti ma taqbel xejn ma' din l-eccezzjoni. L-interess guridiku u attwali tal-atturi fil-prosegwiment ta' din il-kawza jikkonsisti filli jottjenu dikjarazzjoni gudizzjarja tat-titolu taghhom fuq dan il-fond, fin-nuqqas ta' dokumenti li juru li l-genituri taghhom kienu akkwistaw titolu derivattiv dwaru. Fis-seba' premessa fl-att promotur[16], l-atturi ddikjaraw car li ghandhom diffikulta' jintraccjaw it-titolu u l-provenjenza favur il-genituri taghhom ta' dan il-fond, u fih innifsu, dak il-fatt – li l-kuraturi ma kkontradiccewx jew ma eskludewx bi provi kuntrarji – jirradika interess guridiku, attwali u reali fl-atturi biex jipprosegwu t-talbiet taghhom f'din il-kawza.

15. Kif konfermat ricentement mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Spizjara Pierina Zammit et vs Suprintendent tas-Sahha Pubblika et**[17] li:

> "… huwa minnu li mhuwiex meħtieġ li l-interess ġuridiku tal-atturi f'kawża jkun wieħed patrimonjali. Iżda daqstant ieħor jinsab assodat li: *"l-interess ġuridiku jrid ikun reali u attwali u għandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta' vjolazzjoni ta' xi dritt li jappartjeni lill-attur."* (Ara s-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Frar, 1997, fil-kawża fl-ismijiet

[16] Fol. 2
[17] Rik. Gur. 958/17/1RGM, 15.11.2023

**Alexander Eminyan v. John Mousù proprio et nomine**.) Sabiex l-interess ikun wieħed ġuridiku, irid ikun ibbażat fuq xi ksur ta' dritt pretiż mill-atturi. (**Mattirolo** Vol. I pag.50; **Mortara** VoII p.588;). Mattirolo f'dan ir-rigward jispjega li:

*"L'azione compete soltanto e tutela dei diritti; l'interesse e` scompagnato dal diritto, non vi ha azione, non guidizio possibile; cosi che, per istituire un giudizio, non basta che un fatto d'altro pregudichi i nostri interessi, ma occorre che questo fatto arrechi un danno giuridico, che non esiste se non e` 'injuria datum', se cioe` non e` prodotto da chi esorbitando dalla sfera del diritto proprio, offende un nostro diritto."*

16. L-ezami ghalhekk li jonqosha taghmel din il-Qorti huwa jekk humiex sodisfatti r-rekwiziti tal-akkwist tat-titolu originali fir-rigward tal-genituri tal-atturi. F'dan ir-rigward, din il-Qorti ser issegwi l-ezami li kienet ghamlet din il-Qorti, diversament presjeduta, fis-sentenza **Peter Borg et vs Av. Christopher Chircop et noe**[18], u li fuqha jistriehu l-atturi, kif gej:

*29. Jirriżulta illi, a tenur tal-Artikolu 2017 (1) tal-Kap 16:*
*"Il-preskrizzjoni hija mod ta' akkwist ta' jedd b'pussess kontinwu, mhux miksur, paċifiku, pubbliku u mhux ekwivoku, għal żmien li tgħid il-Liġi."*

*30. Jirriżulta wkoll illi, a tenur tal-Artikolu 2143 tal-Kap 16:*
*"L-azzjonijiet kollha, reali, personali, jew misti, jaqgħu bil-preskrizzjoni egħluq tletin sena u ebda opposizzjoni għall-preskrizzjoni ma tista' ssir minħabba n-nuqqas ta' titolu jew ta' bona fidi."*

*31. Jirriżulta illi Il-Laurent, fuq l-elementi tal-preskrizzjoni akwiżittiva jgħid dan li ġej:*

[18] *supra*

*1. pussess kontinwu : "Il possesso dev'essere continuo, nel senso che il possessore deve compiere gli atti normali di godimento che un proprietario, buon padre di famiglia, fa allo scopo di trarre dal fondo tutto l'utile che esso puo' procurargli. ...... Occorre dunque che, per tutto il tempo necessario alla prescrizione, il possessore abbia fatto atti di possesso che richiamano l'attenzione del proprietario e lo costituiscano in mora d'interrompe la prescrizione che corre contro di lui." (Laurent, Diritto Civile, op. cit. # 275);*

*2. pussess mhux miksur : "Il possesso e' interrotto allorche la prescrizione venne interrotta, sia naturalmente, sia civilmente. L'interruzione produce l'effetto di rompere il possesso: quello decorso fino all'interruzione si reputa come non avvenuto e solo potra' invocarsi il possesso futuro." (Laurent, Diritto Civile, op. cit. # 278);*

*3. pussess paċifiku : "La parola pacifico indica un godimento imperturbato. Puo' esservi turbativa di diritto e turbativa di fatto. La turbativa di diritto suppone un'azione giudizziaria ..... la turbativa di fatto ..... si manifesta con atti differenti. Chi si pretende proprietario tenta di espellere il possessore." (Laurent, Diritto Civile, op. cit. # 281);*

*4. pussess pubbliku : "Il possesso e' pubblico tutte le volte che i terzi interessati avrebbero potuto conoscerlo, quantunque in fatto non ne abbiano avuto notizia." (Laurent, Diritto Civile, op. cit. # 286);*

*5. pussess mhux ekwivoku : "Un possesso e' equivoco quando per sua natura e' cosi' dubbio, da non lasciar comprendere se sia la manifestazione di un diritto spettante al possessore, ovvero un semplice fatto." (Laurent, Diritto Civile, op. cit. # 290).*

*32. Jirriżulta illi fil-kawża fl-ismijiet* ***Carmelo Caruana et vs Orsla Vella*** *[Qorti tal-Appell, 13 ta` Marzu 1953 fil-kawża (Kollez. Vol. XXXV.i.105], ngħad li ġej:*

*'Illi pero' kif intqal għall-effaċija tagħha bħala akkwiżittiva, din il-preskrizzjoni tippresupponi l-pussess leġittimu li trid il-liġi għaż-żmien kollu tat-trentennju. Hu magħruf illi l-elementi tal-pussess ċivili huma tnejn, dak materjali, il-poter ta' fatt fuq il-ħaġa, u l-ieħor intenzjonali, l-animu tal-possessur li jgawdi d-dritt fuq il-ħaġa bħallikieku hu kien il-propjetarju tagħha – animus et corpus; corpus possessionis et animus possidendi vel animus domini. Għalhekk mhux pussess ċivili dak li jonqos fih wieħed jew l-ieħor minn dawn iż-żewġ elementi b'mod li mhijiex biżżejjed id-detenzjoni tal-ħaġa jew it-tgawdija tagħha mhux bħala ħaġa proprja imma bħala ħaġa ta' ħaddieħor għax allura din tkun biss detenzjoni jew tgawdija prekarja ... Hu elementari li lil min jallega l-preskrizzjoni trentennali ma jistax jiġi oppost in-nuqqas ta' titolu jew ta' bona fede ... Dan il-pussess b'liġi għandu jkun kontinwu, mhux miksur, paċifiku, pubbliku u mhux ekwivoku.'*

17. L-atturi ddikjaraw li, kemm ghandhom zmien, aktar minn sittin sena, dejjem jiftakru lilhom infushom u lill-genituri taghhom fit-tgawdija esklussiva, kontinwa u pacifika, ta' dan il-fond. Il-konvenuti kuraturi ma ressqu ebda prova kuntrarja, u lanqas ghamlu domandi in kontroezami in sostenn tar-rizervi taghhom spjegati fis-sottomissjonijiet finali li ressqu. Oltre dan, u kjarament, sa minn meta miet missier l-atturi, dawn dejjem qiesu li dan il-fond kien jappartjeni lill-genituri taghhom – dak iz-zmien lil missierhom wahdu, u aktar tard lill-komunjoni tal-akkwisti, wara l-mewt ta' ommhom – fi proprjeta' shiha, tant li ddenunzjawh u hallsu t-taxxa tas-successjoni fuqu. Anke jekk, mad-daqqa t'ghajn, kien hemm incertezza fl-atturi jekk dan il-fond kienx proprjeta' parafernali ta' missierhom, inkella kienx proprjeta' tal-komunjoni – konferma fiha nnifisha li l-atturi ma kellhomx dokumentazzjoni li turi l-provenjenza tat-titolu – dan ma jnaqqas xejn mic-certezza dikjarata minnhom li dan il-fond kien proprjeta' tal-genituri taghhom, u ta' hadd aktar, u li gawdewh kontinwament u minghajr ebda opposizzjoni ghal zmien itwal minn dak mehtieg ghall-akkwist tat-titolu originali ta' proprjeta'.

18. Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-kuraturi li dehru ghall-konvenuti mhux maghrufa, u tilqa' t-talbiet kolha tal-atturi, u konsegwentement tiddikjara li l-atturi huma sidien unici u esklussivi tal-fond numru 86, Sqaq numru 3, Triq il-Grazzja, Zabbar, bl-arja libera tieghu.

Fic-cirkostanzi, l-ispejjez jithallsu mill-atturi.

**Onor. Dr. Giovanni M Grixti**
**Imħallef**

**Nicole Cini**
**Deputat Reġistratur**